MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 122/2007

**Talba Nru: 122/07PBC**

**Sterling Car Rentals Limited (C 9362)**

**Vs**

**Glynn Carragher**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm596) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hames mija u sitta w erbghin lira Maltin (Lm546) prezz ta' kiri ta' vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' registrazzjoni LAF 527 fil-perjodu ta' wiehed u disghin (91) gurnata bejn it-30 ta' Gunju, 2005 u d-29 t'Awissu, 2005 u

in kwantu ghar-rimanenti somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentanti hames citazzjonijiet tat-traffiku ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) il-wahda li nhargu waqt li l-vettura giet mikrija lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm596), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------